MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 608/2004

**APS Bank Limited**

**vs**

**Victor Tabone u martu Alexandra Tabone**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta’ Marzu, 2004, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-bank attur s-somma ta’ mitejn u erbatax-il lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm214.36) rappresentanti in kwantu ghas-somma ta’ Lm204.22, bilanc ta’ debitu ta’ kont kurrenti numru 11420130014 u in kwantu ghas-somma ta’ Lm10.14 bhala bilanc ta’ debitu ta’ kont kurrenti numru 20000098040; u dana oltre l-imghax ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2003.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mill-31 ta’ Dicembru 2003 kontra l-konvenuti.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-bank attur sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tad-29 ta’ Ottubru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-bank attur s-somma ta’ mitejn u erbatax-il lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm214.36), bl-imghaxijiet legali mill-31 ta’ Dicembru 2003.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------